MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2015

Numru. 328/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Robert Vella)**

**Vs**

**Angelo Gemmellaro**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

Illum 24 ta' Marzu 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Angelo Gemellaro ta' 36 sena iben Carmelo u Anna nee' Perdicaro, imwieled gewwa Catania, Sqallija nhar is-16 ta' Frar, 1978 u residenti gewwa fond numru 78, Triq il-Folklor, Birzebbugia u detentur tal-karta tal-identita' Taljana bin-numru AV 4933192 talli:

Fit-22 ta' Marzu 2015, f'dawn il-Gzejjer xjentement laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom liema hwejjeg gew minn serq u li l-valur taghhom huwa ta' aktar minn mitejn tnejn u tletin euro u erbgha w disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija w disgha w ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37).

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Rat li fis-seduta tallum l-imputat irregistra ammissjoni u li huwa kkonferma l-ammissjoni tieghu wara li inghata l-opportunita' li jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant din giet sodisfacjentement ippruvata.

Illi inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qieghed jinstab hati l-imputat, l-ammissjoni bikrija, u l-fatt li l-imputat rritorna r-rota lura lis-sid u l-fedina penali tieghu li hija wahda netta.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti , wara li rat l-artikolu 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta′ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu izda bl-applikazzjoni ta′ l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta′ Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor fi zmien sentejn.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi jekk jikkommetti reat waqt il-perjodu operattiv ta′ din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------